**Fil-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi**

RECEIVED
30 AUG 2018
PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

*Każ 1181 – CT 2039/2017 – Tender for the Refurbishment and Upgrading Works (Phase 2) at the Deep Water Quay, Marsa, Malta*

Wara d-deċiżjoni tal-10 t'Awwissu, 2018

**Rikors konġunt tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (l-Awtorita' kontraenti) u tad-Dipartiment tal-Kuntratti:**

*Jesponu bir-rispett:*

**Introduzzjoni:**

1. Illi b'dan ir-rikors, l-esponenti sejrin jitolbu kjarifika tad-deċiżjoni fuq ċitata. Din it-talba qiegħda ssir ai termini tal-artiklu 825 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> 825.(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikatlill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta'kalkolu li jkun sar fis-sentenza.Żbalji fil-kliem.
>
> (2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li majkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidherċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fiżmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ,iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza litkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni.

2. Dan l-Artiklu, li japplika għall-Qrati ordinarji, jista' jiġi invokat ukoll minn dan l-abbli Bord, in vista tar-Regolament 90(6) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku li jgħid hekk:

> 6) Il-Bord ikollu s-setgħat kollha li huma vestiti fil-Prim'Awlatal-Qorti Ċivili bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Sfond**:

3. Illi l-proċeduri fuq imsemmija jirreferu għal *Tender for the Refurbishment and Upgrading Works (Phase 2) at Deep Water Quay, Marsa, Malta* u ġew imnedija wara appell ta' Bezzina Maritime Services Limited tas-16 t'April, 2018 li bih l-imsemmija soċjeta' appellat mill-iskwalifika tagħha għal raġunijiet tekniċi u mill-kanċellament sussegwenti tat-*tender*

Illi nhar l-10 t'Awwissu, 2018, dan il-Bord, iddeċieda kif ġej:

> In view of the above considerations, this Board:
>
> i) Does not uphold Transport Malta's decision to cancel the Tender;
>
> ii) Instructs the Contracting Authority to process the same Tender
>
> through a "Negotiated Procedure" with the already participated Economic Operators;
>
> iii) Orders the Contracting Authority to take into consideration this Board's adjudication on the issues of this Appeal;
>
> iv) Instructs that the Evaluation Committee in the "Negotiated Procedure" is to be composed of different members and to include an Architect with the necessary experience in marine works and a Marine Engineer;
>
> v) Recommends that the deposit paid by Bezzina Maritime Services Limited is to be refunded.

4. Illi l-esponenti jinnutaw illi bid-deċiżjoni tiegħu, u partikolarment permezz tal-paragrafu (ii) tad-*deċide* dan il-Bord effettivament ordna lill-Awtorita' Kontraenti sabiex tibda proċedura negozjata mal-Operaturi Ekonomiċi kollha illi pparteċipaw f'din is-sejħa għall-offerti.

5. Illi l-esponenti għandhom kull intenzjoni illi jirrispettaw din id-deċiżjoni u jattwawha hekk kif jgħaddi t-terminu tal-appell.

6. Illi madanakollu, ma jistgħux ma jinnutawx illi ai termini tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, senjatament ir-Regolament 151, proċeduri negozjati wara sejħa pubblika għall-offerta jistgħu jitnedew biss ladarba tali sejħa għall-offerti tiġi kkanċellata.

7. Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottomettu illi mhux ċar kif il-paragrafu (ii) tad-*deċide* jista' jiġi fis-seħħ ladarba fil-paragrafu (i) dan il-Bord iddeċieda illi jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' kontraenti li tikkanċella s-sejħa għall-offerti.

8. Illi għalhekk l-esponenti jħossu illi jkun utli li l-Bord jiċċara d-deċiżjoni tiegħu, b'dan li jispjega aħjar kif l-Awtorita' kontraenti għandha tipproċedi bit-tnedija ta' proċedura negozjata b'dan li tkun in linea mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku

**TALBA:**

GĦALDAQSTANT, fid-dawl tas-suespost u b'riserva għal sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, l-esponenti bir-rispett jitolbu lill-Bord sabiex tirriforma d-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' Awwissu, 2018 b'dan illi tiċċara kif l-Awtorita' kontraenti għandha tibda l-proċedura negozjata in linea mal-artiklu 151 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

| | |
|---|---|
| **Avv. Joseph Camilleri** | **Avv. Franco Agius** |
| *Għall-Awtorita' kontraenti* | *Għad-Direttur tal-Kuntratti* |